

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – AEDEC vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-91/15) <sup>(1)</sup>

*(“Riċerka u żvilupp teknoloġiku — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ‘Horizon 2020’ — Sejħa għal proposti fir-rigward tal-programmi ta’ ħidma 2014-2015 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara mhux eliġibbli l-proposta ppreżentata mir-rikorrenti — Obbligu ta’ motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Proporzjonalità — Trasparenza — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)*

(2016/C 402/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Asociación Española para el Desarrollo de la Epidemiología Clínica (AEDEC) (Madrid, Spanja) (rappreżentant: R. López López, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Ruiz García u M. Siekierzyńska, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-4 ta' Settembru 2014 li fiha l-Kummissjoni ħadet it-talba għal finanzjament imressqa mir-rikorrenti fisem il-konsorzju Latin Plan.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) L-Asociación Española para el Desarrollo de la Epidemiología Clínica (AEDEC) hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 127, 20.4.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – Arrom Conseil vs EUIPO – Nina Ricci (Roméo has a Gun by Romano Ricci)**

(Kawża T-359/15) <sup>(1)</sup>

*[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat – trade mark tal – Unjoni Ewropea figurattiva Roméo has a Gun by Romano Ricci — Trade marks tal – Unjoni Ewropea verbali preċedenti NINA RICCI u RICCI — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti — Dannu għar-reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009”]*

(2016/C 402/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Arrom Conseil (Arrom Conseil (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: C. Herissay Ducamp u J. Blanchard, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. Kunz, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Nina Ricci SARL (Pariġi, Franza) (rappreżentant: E. Armijo Chávarri, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' April 2015 (Każ R 1021/2014-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nina Ricci u Arrom Conseil.